MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 657/2007

**George Muscat**

**vs**

**Godwin Cristina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attur li ddikjara li kien qabbad lill-konvenut jaghmel aperturi tal-*aluminium* gewwa blokk *flats* u tah hames mitt lira Maltin (Lm500), u' cioe' ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) bhala depozitu..

Illi, l-konvenut qatt ma lesta x-xoghol, u fis-sena 2006 kkonsenja x-xoghol tal-*aluminium* li ma kienux lesti u ma setghux jigu installati.

Illi l-attur kellu spejjes ohra fl-ammont ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320), u cioe' ekwivalenti ghal seba' mija u hamsa u erbghin Euro u erbghin centezmi

(€745.40) sabiex lesta x-xogholijiet kif ukoll bata l-imghax tad-depozitu.

Ghaldaqstant, l-esponent talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas l-attur is-somma ta’ tlett mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320), u cioe’ ekwivalenti ghal seba’ mija u hamsa u erbghin Euro u erbghin centezmi (€745.40), rapprezentanti danni kif ukoll l-imghax indikati tad-depozitu, bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi, preliminarjament, l-azzjoni attrici hija kolpita minn preskrizzjoni, u in kwantu tali improponibbli stante li kif iddikjarat minnu l-appalt in kwistjoni jirrisali ghal 1999.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu msejsa fuq allegazzjonijiet mhux veritiera u li fil-fatt il-konvenut, li sofra danni minhabba l-agir tal-attur, u huma dovuti lilu spejjes ta’ magazzinagg kif jirrizulta mill-kontro-talba mressqa mill-konvenut.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut qeda l-obbligi kontrattwali tieghu u ghaldaqstant, l-ebda ammont ma hu dovut lill-attur.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut li talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li l-attur George Muscat huwa debitur versu l-konvenut Godwin Cristina ghall-ispejjes ta’ magazinagg ghaz-zmien 1999 sal-2007.

Jillikwida s-somma hekk dovuta okkorrendo permezz ta’ periti nominandi f’somma li ma teccedix elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), u cioe’ ekwivalenti ghal tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06).

Jikkundanna lill-attur George Muscat ihallas is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjes u l-imghax dekoribbli skont il-ligi.

Ra r-risposta tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut li eccepixxa illi, preliminarjament t-talba hija preskritta ai termini tal-ligi, liema artikolu tal-ligi ser jigi stabbilit aktar tard.

Illi, minghajr pregudizzju ghal ewwel eccezzjoni, ix-xoghol ma kienx lest u lanqas gie konsenjat.

Illi l-attur kellu jiehu x-xoghol minghandu wara diversi snin.

Ra x-xhieda tal-attur li jispjega li kien inkariga lill-konvenut sabiex jaghmel ix-xoghol ta’ aperturi tal-*aluminium,* kemm internament kif ukoll esternament.

Kienu ftehmu fis-sena 1999 u kien tah hames mitt lira Maltin (Lm500), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmi (€1,164.69) depozitu.

L-attur ighid li sa ftit snin ilu dan ix-xoghol ma kienx lest, u kien hemm tnax-il (12) bieb li ma kienux tlestew. Kien dam jigri warajh u l-konvenut kien qallu li l-prezzijiet kienu gholew u ma kienx lesta x-xoghol u kien ghalhekk li kien inkariga lill-avukat tieghu sabiex jiktiblu, u minn hawn kien ikkonsenja l-bibien li ma kienx wahhal, kif ukoll dawn kienu minghajr panewijiet. Kien ghalhekk li kellu jqabbad lil haddiehor sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet.

L-attur ikompli jispjega li kienu ffirmaw skrittura u kienu ftehmu li l-prezz originali ta’ dawn il-bibien kellu jkun ta’ elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1,600), u cioe’ ekwivalenti ghal tlett elef, seba’ mija u sebgha u ghoxrin Euro (€3,727.00), li minnhom kien hallas hames mitt lira Maltin (Lm500), cioe’ ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmi (€1,164.69).

Kellu jhallas elf u erba’ mitt lira Maltin (Lm1,400), u cioe’ ekwivalenti ghal tlett elef, mitejn u wiehed u sittin Euro u tnax-il centezmu (€3,261.12), ghax-xoghol li ma kienx ghamel il-konvenut u ghalhekk b’kollox kien hallas madwar elf u disa’ mitt lira Maltin (Lm1,900), u cioe’ ekwivalenti ghal  erbat elef, erba’ mija u hamsa u ghoxrin Euro u wiehed u tmenin centezmi (€4,425.81).

L-attur jichad li ghandu jaghti lill-konvenut, izda jinsisti li l-konvenut kien debitur lejh, ghaliex minkejja li kien ghamel ordni ghal dawn il-bibien fl-1999, il-konvenut qatt ma kien lestihom u lanqas ma kien ikkonsenjahomlu.

L-attur jistqarr ukoll, illi l-bini kien inbena fis-sena 1990 u tlesta madwar sebgha (7) jew tmien (8) snin qabel bil-madum, izda l-kmamar tal-banju u s-*switches* ma kienux imwahhlin. Meta kien inkariga lill-konvenut, is-*shell* kif ukoll it-tikhil kien lest. Anke it-tibjid kien lest meta l-konvenut kien mar jiehu l-qisien.

Jikkonferma wkoll li x-xoghol tal-konvenut qatt ma kien tlesta u kien ghamel biss *frame*.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jghid li l-attur, li kien proprjetarju ta’ blokka ta’ appartamenti f’Tas-Sliema, kien inkarigah sabiex jahdem bibien tal-*aluminium,* u dan kien fl-1999. L-attur kien ordna tnax-il (12) bieb u kien hallsu kappara fuqhom.

Wara li ghamel l-ordni, ried li jkun hemm il-hgieg fil-bibien, u sussegwentement rega’ ikkomunika mieghu u qallu li riedhom tal-*melamine* u kien talbu biex imur mieghu halli jaraw dan il-materjal, izda dan qatt ma sehh u jikkonferma li l-bibien kienu ghadhom ghandu sas-sena 2004 jew 2005.

Ghalhekk dawn il-bibien kienu baqghu minghajr hgieg u *melamine*, kienu vojta u darba minnhom kien mar ghandhom ighajjat u jinsulentah u dan meta kien qallu li jibqghu ghandhom minhabba l-kwistjoni tal-*melamine*. Imbaghad sar jaf b’din il-kawza.

Il-mara tal-attur kienet talbitu jikkonsenjahom u kien ghalhekk li kien wassalhom sal-post u jikkalkola li l-attur kien ghad fadallu jtih madwar hamsin lira Maltin (Lm50), u cioe' ekwivalenti ghal mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), mill-prezz li kien ftehem mieghu fl-1999.

Il-konvenut jichad li kien hemm drabi fejn l-attur kien talbu biex jikkonsenjalu x-xoghol, u kien meta rcieva l-ittra minghand Dr. Martin Fenech li kien irrisponda tramite l-avukat tieghu.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

<u>L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni</u>

Illi l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenut hija dik tal-preskrizzjoni u dan peress li l-appalt kien inghata fis-sena 1999.

**Il-konvenut eccepixxa illi l-azzjoni attrici hija preskritta u emfasizza li hija preskrizzjoni kwinkwennali u naqas li jindika taht liema disposizzjoni tal-ligi kien qed iqajjem dina l-eccezzjoni. Oltre minn hekk, donnu ried jaghti l-impressjoni li minkejja li kienet saret referenza li kienet saret skrittura privata, l-istess skrittura ma gietx esebita.**

***"Ftehim li jsir bis-sahha ta' skrittura privata, fejn il-partijiet jntrabtu minghajr ma jiffissaw zmien, ma jaqax preskritt billi jghaddu hames (5) snin minn fuqu……il-preskrizzjoni tibda tghaddi minn dakinhar li tista' tigi ezercitata l-azzjoni."***
Neg. Joseph Darmanin noe vs Carmelo Micallef (App. 31/05/1948).

Fil-kaz in ezami, huwa minnu li saret l-iskrittura privata bejniethom fis-sena 1999. Pero' huwa minnu li l-attur kien

ghamel xi tibdiliet minn dak li kienu originarjament ordnaw u xtaq il-bibien bil-hgieg, imbaghad riedhom tal-*melamine*.

Huwa minnu li minhabba f'hekk il-konvenut kien baqa' jzomm dan ix-xoghol u wiehed iqis li lanqas l-attur kellu xi ghagla partikolari sabiex jiehu passi kontrih.

Kien biss li bejn 2005 u 2006 kien beda jigri wara l-konvenut u beda jitolbu sabiex jikkonsenja x-xoghol li kien ordna minghandu.

Anke l-intervent legali jirrisali ghas-sena 2006, meta l-attur kien qabbad avukat sabiex jinforma lill-konvenut sabiex ilesti x-xoghol li kien ordnalu l-attur. Sa dan iz-zmien anke l-attur ma kien ghamel xejn sabiex jitlob li jigi tterminat l-appalt, anzi jirrizulta li kien qieghed ibiddel l-ordni u kien ghadu deciz kif ried l-affarijiet.

Ghalhekk, in vista ta' dan, it-Tribunal ihoss li l-azzjoni mhix preskritta ghaliex l-attur hass li kellu jirreagixxi biss wara certu trapass ta' zmien, u meta nduna li l-konvenut ma kienx ghadu lesta x-xoghol li gie ordnat jaghmel. In oltre jirrizulta abbundantement car li l-konvenut kien ghadu ma ikkompletax x-xoghol.

Fuq l-istess bazi, it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-attur ghal kontro-talba tal-konvenut.

Fuq it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut, li l-attur ghandu jhallas tal-magazinagg ghaliex hu kien wettaq l-obbligi kontrattwali tieghu u fil-fatt pprezenta kontro-talba f'dan is-sens.

Mill-provi prodotti, l-attur kien ghamel ordni sabiex il-konvenut jahdimlu bibien ghall-appartmenti li kellu f'blokk f'Tas-Sliema. Ighid ukoll li kellu jahdem tnax-il (12) bieb. Hemm versjonijiet kontrastanti, fis-sens li l-attur jinsisti li l-konvenut kien dam sabiex ilesti dawn il-bibien Meta l-attur beda jigri warajh kien qallu li l-prezzijiet kienu gholew u ghalhekk ma kienx lesta x-xoghol. Kien imbaghad wara li

kien baghtlu ittra legali li gew kkonsenjati dawn il-bibien, pero' ma kienux *finished*.

Il-konvenut da parti jinsisti li l-attur kien ghamel ordni mod ghal dawn il-bibien, imbaghad biddel l-ordni u riedhom bil-hgieg u wara riedhom bil-*melamine*. Kien ghalhekk li kellhu jiddeciedi fuq il-materjal, izda l-konvenut jinsisti li l-attur qatt ma mar u ghalhekk kien qed jitolbu danni ta' magazinagg.

It-Tribunal, wara li ezamina l-provi bir-reqqa, ihoss li l-verzjoni tal-attur hija dik l-aktar kredibbli ghaliex minkejja li ghal xi raguni jew ohra, probabilment relatati mal-fatt li l-blokk kien ghadu qed jigi zviluppat, u ghalhekk ma kienx hemm daqshekk ghagla ghal bidu, lanqas wiehed jippretendi li l-konvenut ghandu jiehu madwar circa seba' (7) snin sabiex jispicca l-appalt tieghu. Imbaghad, galadarba baqa' ma kkonkludiex ix-xoghol kellu l-obbligu li jzomm il-bibien fil-post fejn kien suppost qed jahdem fuqhom u mhux lecitu li issa, meta primarjament jahti hu, jirriklama kumpens ghal-magazzinagg. Ma jirrizultax li qatt interpella lill-attur biex jigbor ix-xoghol.

Wara intervent legali, fil-fatt il-konvenut ikkonsenja x-xoghol li ma kienx *finished,* u sahanistra l-attur kellu jqabbad lil xi haddiehor sabiex ilestilu x-xoghol. L-attur ipproduca diversi *invoices* fuq l-ammonti li kellu jhallas lil terzi sabiex ilestulu x-xoghol u dawn ma gewx ikkontestati mill-konvenut. L-istess *invoices* fil-fatt jindikaw li kien ghad hemm xi jsir sabiex dawn il-bibien jitlestew kif suppost.

Apparti dan kollu, u fi kwalunkwe kaz, il-konvenut li pprezenta kontro-talba fuq il-magazinagg ghaliex zamm dawn il-bibien, mertu ta' din l-kawza, qatt ma pprezenta prospett in sostenn tal-ammont ta' danni li jallega li sofra f'dan is-sens. Dan ifisser, li anke jekk ghal-grazzja tal-argument kellu jigi ritenut li kien hemm telf ta' magazinagg, ugwalment m'hemmx prova tal-ammont. Il-kontro-talba fi kwalunkwe kaz ghandha tigi respinta.

Dwar l-eccezzjoni ghall-kontro-talba fuq il-preskrizzjoni, it-Tribunal ukoll ser ikollu jirrespingiha u dan minhabba ma giex indikat taht liema disposizzjoni tal-ligi qed tintalab.

Ghal kumplament t-talba attrici tirrizulta pruvata.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, inkluza dik tal-preskrizzjoni kif ukoll il-kontro-talba tieghu, jilqa' t-talba attrici, pero' jirrespingi l-eccezzjoni tal-attur tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba bl-ispejjes ghal-konvenut hlief dawk relattivi ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghall-kontro-talba li jithallsu mill-attur. L-imghax jihallas kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------